**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 26 ta' Frar 2020**

**Talba Nru: 17/20 CZ**

**GM Corporate & Fiduciary Services Ltd (C-22760)**

**vs.**

**MIO Holdings Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-17 ta' Jannar 2020 fejn talbet:

1. Dikjarazzjoni li s-socjeta' konvenuta hija debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' Euro 2,496.41, rapprezentanti vsarji servizzi debitament ezi u fatturati lis-socejta' konvenuta, liema ammont baqa' ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet.
2. Kundanna sabiex is-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Euro2,496.41;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali 126/19, u l-imghax legali mid-data ta' kull fattura, kontra s-socjeta' konvenuta, li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tad-19 ta' Frar 2020.

Ikkunsidra l-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, erba' mija u sitta w disghin Euro u wiehed w erbghin centezmu (€2,496.41) bl-imghaxijiet legali mid-9 t'Awwissu 2018[1] sal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, kif mitluba, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur

[1] Data tar-rendikont esebit mis-socjeta' attrici.